DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Settemrbu 2007

dwar il-ħatra ta' membru Taljan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u li timmodifika d-Deċiżjonijiet 2006/524/KE, Euratom u 2006/651/KE, Euratom

(2007/622/KE, Euratom)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kandidatura mressqa mill-Gvern Taljan,

Wara li kiseb l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 2006/524/KE, Euratom, tal-11 ta' Lulju 2006, dwar il-ħatra tal-membri Ċeki, Ġermaniżi, Estoni, Spanjoli, Franċiżi, Taljani, Latvjani, Litwani, Lussemburgiżi, Ungeriżi, Maltin, Awstijaċi, Sloveni u Slovakki tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1], u permezz tad-Deċiżjoni 2006/651/KE, Euratom, tal-15 ta' Settemrbu 2006, dwar il-ħatra tal-membri Belġjani, Griegi, Irlandiżi, Ċiprijotti, Olandiżi, Pollakki, Portugiżi, Finlandiżi, Svediżi u Brittaniċi kif ukoll ta' żewġ membri Taljani fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2], il-Kunsill, ħatar lill-membri Taljani ta' l-imsemmi Kumitat għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2006 sa l-20 ta' Settembru 2010,

(2) Sar vakanti post ta' membru Taljan ta' l-imsemmi Kumitat konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Paolo NICOLETTI,

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

Is-Sur Marco FELISATI huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew minflok is-Sur Paolo NICOLETTI għall-perijodu li jifdal tal-mandat tiegħu, jiġifieri sa l-20 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Settembru 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
J. SILVA

---

[1] ĠU L 207, 28.7.2006, p. 30.
[2] ĠU L 269, 28.9.2006, p. 13.